MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2014

Talba Numru. 234/2013

Mobisle **Communication Limited**

**C 24655**

**Vs**

**Pace Kurt Manuel**

**ID 65190M**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-17 ta' April, 2013 illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf mija u sitta u disghin ewro sitta u ghoxrin centezmu (€1,196.26) in konnessjoni ma' servizz/i ta' kommunikazzjoni bin-numru 79501118 numri tal-kont A/C51075416, moghtija mis-socjeta' attrici u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

Illi l-konvenut gie nterpellat sabiex ihallas izda' baqa' inadempjanti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut, bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tal-14 ta' Frar, 2014 u lanqas ghas-seduta ta’ llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici fis-seduta tal-14 ta' Frar, 2014 u filfatt il-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa’ it-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elf mija u sitta u disghin ewro sitta u ghoxrin centezmu (€1,196.26) bl-imghax sad-data sal-pagament effettiv.

L-ispejjez ikunu a karigu tal-konvenut.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM--------------------------------